Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Inferjuri

Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Fl-atti tar-Rikors ta' Revoka numru 8/2022/1 (BS), wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 8/2022 (BS), fl-ismijiet:

David Muscat

-vs-

Carmel Polidano

Illum, 4 ta' Marzu 2022

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar, 2022 minn Carmel Polidano, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2022 u tħassar il-Mandat ta' sekwestru għar-raġunijiet elenkati taħt l-Artikolu 836 (1)(d) tal-Kap.12. Talab ukoll li l-Qorti tiddikjara li Carmel Polidano sofra danni, tillikwida tali danni u tordna lis-sekwestrant David Muscat iħallas id-danni kif likwidati. Carmel Polidano talab ukoll illi din il-Qorti tikkundanna lis-sekwestrant iħallas penali ai termini ta' l-Atikolu 836(8).

Rat ir-risposta tas-sekwestrant David Muscat ippreżentata fl-1 ta' Marzu, 2022.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dan huwa rikors għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 08/2022 li nħareġ minn David Muscat minn issa `l quddiem – l-intimat sekwestrant-biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu kontra Carmel Polidano, minn issa `l quddiem ir-rikorrent sekwestrat .

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Illi dan ir-rikors qed isir abbażi tal-artikolu 836 (1)(d) tal-Kap 12 li jipprovdi:

*"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*[...]*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

Ikkunsidrat;

Fi proċedura ta` din ix-xorta, il-qrati tagħna b`mod konsistenti ħadu l-linja illi l-qorti li tkun adita mill-proċediment għandha toqgħod lura milli tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex dik hija materja li għad trid tkun deċiża minnha stess fil-waqt opportun wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża dwar il-mertu. Għalhekk fi proċedura ta` din ix-xorta, qorti m`għandhiex tidħol f`konsiderazzjonijiet dwar il-mertu, iżda għandha tillimita ruħha għal eżami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ġġib il-parti li tkun qegħda titlob ir-revoka in toto jew in parte tal-Mandat. Għandha tagħmel dan għaliex il-proċediment odjern huwa għal kollox distint mill-kawża dwar il-mertu, kif ukoll għaliex il-ġudikant li jkun ser jipprovdi dwar it-talba għar-revoka tal-Mandat se jkun l-istess ġudikant li finalment ikun irid jiddeċiedi l-kawża fil-mertu. Ingħad illi *"Il-Qrati ennuncjaw principji mportanti fir-rigward ta` kawzi dwar revoka ta` Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie."* [1]

Ingħad ukoll li *"mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."* [2]

Din il-Qorti tisħaq li l-konklużjoni illi sejra tasal għaliha fil-proċediment tal-lum bl-ebda mod m`għandha tiftiehem bħallikieku tikkostitwixxi ġudizzju ta` xi xorta dwar il-mertu tal-kawża, għaliex l-istħarriġ meħtieġ fi proċeduri ta` din ix-xorta huwa marbut ma` eżami x`aktarx formali ta` l-att li tiegħu qegħda tintalab ir-revoka. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Kummerċ[3], dak li qorti tkun trid tagħmel huwa li taċċerta ruħha li r-rekwiżiti li trid il-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu, u kif ukoll taċċerta ruħha li l-att ma jkunx ħareġ abbusivament.

---

[1] Conrad Borg vs de La Rue (15 ta` Lulju 2015) kif ukoll Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et, deciza tas-26 t`April 2002

[2] Camilleri vs Gove et deciza fl-10 ta' Mejju, 2001

[3] Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et, deciza fit- 23 ta` Gunju 1994

F'dan l-istħarriġ li qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji ewlenin. Dawn huma:

a) **illi d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m`għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b`leġġerezza ;**

**b) illi huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn qorti**[4].

In linea ma dawn il-kunsiderazzjonijiet għalhekk din il-Qorti ma hix ser tinoltra ruħha dwar il-materja sollevata fl-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi tar-rikors pero ser tikkunsidra u tqis biss l-argumenti sollevati mir-rikorrent sekwestrat rigward il-fatt li skond hu l-ammont sekwestrat huwa wieħed eċċessiv.

Issa, sabiex jiġi kkunsidrat jekk Mandat kawtelatorju għandux jiġi mħassar taħt is-sub-inċiż (d), il-qorti trid tqis il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. B'dan għalhekk jmiss li jiġi mistħarreġ jekk fl-ewwel lok jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat sekwestrant għandux bazi ta' pretensjoni. Mill-qari tar-risposta għar-rikors ta' revoka, intwera sal-grad ta' *prima facie* li l-intimat sekwestrant għandu pretensjoni kawtelabbli u għalhekk fil-fehma ta din il-Qorti *ictu oculi* il-Mandat huwa wieħed ġustifikat.

Fit-tieni lok jeħtieġ jintwera mir-rikorrent sekwestrat li tali pretensjoni f'somma effettivament taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat.[5] Rigward dan il-punt ġie ritenut li **"[...] biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat [Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.]"** [6]

Jinkombi fuq ir-rikorrent sekwestrat li jressaq provi suffiċjenti sal-grad ta' *prima facie* sabiex ixxejjen il-pretensjoni ta' l-intimat sekwestrant u jiġġustifika l-pretensjoni tiegħu a tenur tal-paragrafu (d). Dan qed jingħad billi minkejja li r-rikorrent sekwestrat jinsisti li l-ammont huwa wieħed eċċessiv huwa naqas milli jikkonvinċi lil din il-Qorti sa livell ta' *prima facie* li mad-daqqa t'għajn is-somma reklamata hija eċċessiva.

---

[4] Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited, Pri Awla, deciza fil-5 ta` Gunju 2007

[5] Mario Xerri et vs. Anthony Muscat et (Rik Nru 590/2007JRM) degretat mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-26 ta' Lulju 2007

[6] C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia, Rik.545/2014, digriet moghti fil-25 ta' Awissu, 2018.

Kif diġa ingħad aktar il-fuq hija ġurisprudenza assodata li f'dan l-istadju il-Qorti m'għandix tindaga fil-mertu l-allegat dannu allegatament soffert mir-rikorrent - sekwestrat. Il-fatt li l-liġi trid li rikorsi bħal dawk odjerni preferibbilment jitressqu quddiem il-Qorti adita mill-kawża fil-mertu hija indikazzjoni ċara illi l-Qorti f'dan l-istadju m'għandix tagħti ġudizzju dwar il-pretensjonijiet attriċi fil-kawża mingħajr ma tiddeċiedi wkoll fl-istess nifs l-eċċezzjonijiet għall-istess pretensjonijiet fil-mertu. Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti ma tqisx li jirriżultaw l-estremi sabiex tikkonkludi li l-ammont reklamat huwa mad-daqqa t'għajn manifestament eċċessiv.

Rigward it-talba għal ħlas ta'penali il-Qorti tqis li din it-talba ma hix ġustifikata u dan tenut kont tal-fatti kollha.

**Decide.**

Għaldaqstant, għal motivi ġia espressi l-Qorti tiċħad in toto it-talbiet tar-rikorrent sekwestrat.

Tordna li l-ispejjeż għandhom jkunu a karigu tar-rikorrent sekwestrat.

Mogħti kameralment illum 4 ta' Marzu, 2022.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
Dep./Reġistratur